

31989D0579

L 322/23

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.11.1989

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-30 ta' Ottubru 1989****li temenda l-bażi legali tad- Deċiżjonijiet Nru 87/593/KEE, 87/594/KEE u 87/595/KEE**

(89/579/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 fih,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi jidher, fid-dawl tad-deċiżjoni reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-iskop ta' l-Artikolu 113 tat-Trattat huwa wiesgħa ħafna; billi d-Deċiżjonijiet 87/593/KEE ⁽¹⁾ u 87/594/KEE ⁽²⁾ li jaċċettaw, għan-nom tal-Komunità, l-Anness E.5 u l-Anness F.3 rispettivament għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' proċeduri tad-dwana, u wkoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/595/KEE tat-30 ta' Novembru 1987 li taċċetta, għan-nom tal-Komunità, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tad-Dwana tat-22 ta' May 1984 li tikkonċerna l-użu ta' kodiċi għar-rappreżentanza ta' elementi ta' data u erba mill-Annessi tagħha ⁽³⁾ għandhom ikunu adattati biex jieħdu in konsiderazzjoni id-deċiżjoni tal-Qorti, minħabba li bażijiet legali oħra kienu adottati għal dawk it-tlett Deċiżjonijiet mill-Kunsill;

Billi d-Deċiżjonijiet 87/593/KEE, 87/594/KEE u 87/595/KEE għandhom jiġu adottati fuq il-bażi legali uniku ta' l-Artikolu 113; billi l-Artikolu 113 għandu għalhekk jiddaħħal bħala l-bażi legali ta' Deċiżjoni 87/593/KEE; billi l-Artikoli 28 u 235 għandhom jitnehew bħala bażijiet legali tat-tlett Deċiżjonijiet, billi l-Artikolu 43 għandu jitneħħa bħala bażi legali ta' Deċiżjonijiet 87/593/KEE u 87/594/KEE,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjonijiet 87/593/KEE, 87/595/KEE u 87/595/EEC, l-ewwel ċitazzjoni hija sostitwita minn dan li ġej:

“Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu”

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandu jkollha effett mill-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandha tapplika b'effett mit-30 ta' Novembru 1987.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Ottubru 1989.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J.-P. SOISSON

⁽¹⁾ ĠU L 362, tat-22.12.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 362, tat-22.12.1987, p. 8.

⁽³⁾ ĠU L 362, tat-22.12.1987, p. 22.